



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-5 ta' Frar 2020

L-azzjoni li ttieħdet mill-UE fir-rigward tal-pestiċidi ftit li xejn għamlet progress, jgħidu l-Awdituri

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-progress li sar lejn il-kejl u t-naqqis tar-riskji li jirriżultaw mill-użu tal-pestiċidi fl-UE kien limitat. Bosta Stati Membri damu biex jittrasponu bis-sħiħ id-direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, filwaqt li l-inċentivi biex il-bdiewa jadottaw metodi alternattivi għadhom dgħajfa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea ma tistax timmonitorja b'mod preċiż l-effetti jew ir-riskji li jirriżultaw mill-użu tal-pestiċidi, jgħidu l-awdituri.

Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ("pestiċidi") jintużaw biex jipproteġu l-għelejjel kontra organiżmi ta' ħsara, pesti u mard. Dawn jinkludu insettiċidi, fungicidi u erbiċidi, li jistgħu jpoġġu pressjoni fuq l-ambjent u joħolqu riskji għas-saħħa tal-bniedem. Mill-1991 'il hawn, l-UE kellha regoli komuni dwar l-awtorizzazzjoni u l-użu tagħhom, u fl-2009 hija adottat id-direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi. L-awdituri vvalutaw jekk l-azzjoni li ttieħdet mill-UE f'dan ir-rigward kinitx irnaxxiet.

Bosta Stati Membri tal-UE damu biex jittrasponu d-direttiva fil-liġi nazzjonali, u fl-2012 inbdew proċeduri ta' ksur kontra tnejn minnhom. L-awdituri sabu wkoll li l-Kummissjoni Ewropea ma kinitx ivverifikat b'mod xieraq il-kompletezza jew il-korrettezza tat-traspożizzjoni. Pereżempju, mhux l-Istati Membri kollha kienu ttrasponew fil-liġi nazzjonali r-rekwiżit biex il-bdiewa japplikaw il-ġestjoni integrata tal-pesti (IPM). L-awdituri jirrikonoxxu li, madankollu, mill-2016 'il hawn, il-Kummissjoni ħadet aktar azzjoni biex tinforza l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.

Flimkien mad-direttiva, l-IPM saret obligatorja għall-bdiewa. IPM tfisser li l-pestiċidi jintużaw biss jekk il-prevenzjoni u metodi oħrajn ma jirnexxux jew ma jkunux effettivi. Madankollu, ma hemm l-ebda kriterju ċar jew rekwiżit speċifiku li jgħin biex jiġi żgurat l-infurzar u biex tiġi vvalutata l-konformità. B'mod parallel, inħolqot kategorija ta' "prodotti għall-protezzjoni tal-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

pjanti b'riskju baxx". L-awdituri jgħidu li, madankollu, minn 487 sustanza, sal-lum kien hemm 16-il sustanza biss (jew 3 %) li saru disponibbli għall-użu, u dan mhuwiex suffiċjenti.

Huma josservaw ukoll li ftit hemm inċentivi biex il-bdiewa jnaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq il-pestiċidi. L-awdituri jgħbdu l-attenzjoni għall-fatt li, b'mod partikolari, l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-IPM mhijiex inkluża bħala kundizzjoni biex il-bdiewa jirċievu pagamenti taħt il-PAK.

“Sa issa, il-Kummissjoni Ewropea ma setgħetx tnaqqas u tikkontrolla b'mod sostanzjali r-riskji li huma assoċjati mal-użu tal-pestiċidi min-naħa tal-bdiewa”, qal Samo Jereb, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. “Politika Agrikola Komuni ġdida, li se tidħol fis-seħħ fl-2021, offriet opportunità biex din il-problema tiġi indirizzata b'mod xieraq, iżda sfortunatament din l-opportunità ntilfet.”

L-awdituri sabu li l-istatistika dwar is-sustanzi attivi u l-użu tagħhom, li ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni (l-Eurostat), ma kinitx dettaljata biżżejjed biex tkun utli. Lanqas id-*data* pprovduta mill-Istati Membri ma kienet suffiċjentement armonizzata jew aġġornata.

Fl-aħħar nett, għalkemm xi wħud mill-Istati Membri żviluppaw indikaturi nazzjonali għall-kejl tar-riskji u tal-impatt, dawn mhumiex komparabbli fl-UE kollha. It-tentattivi inizjali min-naħa tal-Kummissjoni biex tiżviluppa tali indikaturi fil-livell tal-UE ma rnexxewx, minħabba n-nuqqas ta' *data* rilevanti. L-ewwel żewġ indikaturi tar-riskju fl-UE kollha ġew introdotti biss f'Novembru 2019, jiġifieri 10 snin wara l-adozzjoni tad-direttiva, u l-ebda wieħed minn dawn l-indikaturi ma jieħu inkunsiderazzjoni kif, fejn u meta l-pestiċidi jintużaw. L-awdituri jikkonkludu li, għalhekk, il-Kummissjoni għad ma għandhiex bażi ta' evidenza robusta biex tivvaluta jekk id-direttiva laħqitx l-oġettiv tal-UE li l-użu tal-pestiċidi jsir sostenibbli.

Billi l-Kummissjoni Ewropea attwalment qiegħda tevalwa l-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam ta' politika fil-kuntest tat-tħassib pubbliku u parlamentari li qiegħed jiżdied, l-awdituri jirrakkomandaw li:

- tiġi vverifikata l-ġestjoni integrata tal-pesti fil-livell tal-azjendi agrikoli;
- tiġi permessa rabta bejn il-ġestjoni integrata tal-pesti u l-pagamenti li jsiru taħt il-PAK il-ġdida;
- isir titjib fl-istatistika ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti; u
- jiġu żviluppati indikaturi tar-riskju aħjar.

Noti lill-Edituri

Ir-Rapport Speċjali Nru 5/2020 “L-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti: progress limitat fil-kejl u fit-tnaqqis tar-riskji” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Fl-2019, il-QEA ppubblikat rapporti speċjali dwar kwistjonijiet relatati, jiġifieri [l-politika tal-UE dwar is-sikurezza alimentari](#) u [s-sistema ta' kontroll tal-UE għal prodotti organiċi](#). Din is-sena, aħna biħsiebna wkoll nipubblikaw rapporti speċjali dwar il-[bijodiversità fil-biedja](#) u l-pollinaturi.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika.

Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502